



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.11.2012
COM(2012) 660 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**Rapport li jivvaluta l-implimentazzjoni u l-impatt tal-miżuri meħuda skont id-
Direttiva 2009/16/KE dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport li jivvaluta l-implimentazzjoni u l-impatt tal-miżuri meħuda skont id-Direttiva 2009/16/KE dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. DAĦLA

Wieħed mill-aktar elementi importanti tas-sikurezza marittima huwa l-Kontroll tal-Istat tal-Port (Port State Control - PSC) li jista' jiġi ddefinit bħala l-ispezzjoni ta' vapuri barranin f'portijiet nazzjonali oħra sabiex jiġi vverifikat li l-kompetenza tal-kaptan u l-uffiċjali abbord, il-kundizzjoni tal-vapur u t-tagħmir tiegħu jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Konvenzjonijiet internazzjonali u li l-bastiment huwa mmaniġġat u mħaddem skont il-liġi internazzjonali applikabbli.

Ir-reġim tal-PSC tal-UE huwa bbażat fuq id-Direttiva 2009/16/KE¹, li fasslet mill-ġdid u rinfurzta il-leġiżlazzjoni preċedenti f'dan il-qasam li ġie introdott fl-1995. Ir-reġim tal-UE huwa bbażat fuq l-istruttura li kienet teżisti qabel tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port (PMoU). L-Istati Membri kostali kollha tal-UE kif ukoll il-Kanada, ir-Russja, il-Kroazja, l-Islanda u n-Norveġja huma membri tal-PMoU. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) jaħdmu mill-qrib mal-PMoU.

Id-Direttiva 2009/16/KE introduċiet reġim ġdid ta' spezzjoni (New Inspection Regime - NIR) għall-PSC mill-1 ta' Jannar 2011. Minbarra l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri, id-Direttiva ġiet implimentata fil-livell tal-UE permezz tat-twaqqif ta' sistema għar-rapportar tar-riżultati ta' spezzjonijiet tal-PSC (il-bażi tad-dejta THETIS). Is-sistema THETIS ġiet żviluppata mill-Kummissjoni b'kooperazzjoni mill-qrib mal-EMSA, l-EMSA tħaddem is-sistema THETIS f'isem il-Kummissjoni.

Id-Direttiva 2009/16/KE tipprovdi għal bosta rekwiżiti ġodda fil-qasam tal-PSC kif ukoll għal kriterji komuni u proċeduri armonizzati għall-kontroll tal-vapuri u timmira għall-ispezzjoni tal-vapuri kollha, skont il-profil ta' riskju tagħhom, sabiex il-vapuri li jirrappreżentaw riskju akbar jiġu spezzjonati aktar ta' spiss.

Fl-Artikolu 35 huwa previst li l-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2012, dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva u b'mod partikolari dwar l-issodisfar tal-impenn ġenerali ta' spezzjoni tal-Komunità u l-impenn min-naħa ta' kull Stat Membru (l-Artikoli 5, 6, 7 u 8). L-Artikolu 35 jesiġi wkoll li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-għadd ta' spetturi tal-PSC f'kull Stat Membru, l-għadd ta' spezzjonijiet imwettqa u jekk jitqies bħala neċessarju, min-naħa tal-Kummissjoni, li ttipponi Direttiva ta' emendar jew leġiżlazzjoni ulterjuri f'dan il-qasam.

¹ Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 136, 28.05.2009, p. 57).

2. METODU TA' EVALWAZZJONI

L-implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri tikkonsisti f'implimentazzjoni legali, operazzjonali u teknika.

- L-implimentazzjoni legali tinkiseb permezz tat-traspożizzjoni formali tad-Direttiva u tal-infurzar tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tirriżulta.
- L-implimentazzjoni operazzjonali tintlaħaq billi jiġi żgurat li l-vapuri kollha li jżuru l-portijiet u l-ankraġġi fi ħdan l-UE jkunu spezzjonati regolament u billi jiġu segwiti l-proċeduri u r-reqwiżiti tad-Direttiva.
- L-implimentazzjoni teknika tinvolvi t-twaqqif u t-tħaddim tal-bażi tad-dejta THETIS u l-infrastruttura tal-kompjuter meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-informazzjoni dwar iż-żjarat tal-vapuri² meħtieġa mill-Artikolu 24 tad-Direttiva.

Biex tabbozza dan ir-rapport, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri biex jipprovdu informazzjoni dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nkarigat l-EMSA biex twettaq sensiela ta' spezzjonijiet fl-Istati Membri sabiex jgħinuha fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva.

3. TIBDILJET INTRODOTTI PERMEZZ TAD-DIRETTIVA 2009/16/KE.

Id-Direttiva 2009/16/KE introduċiet it-tibdiliet ewlenin li ġejjin fir-reġim tal-PSC tal-UE:

3.1. Kopertura sħiħa ta' spezzjoni

Id-Direttiva 2009/16/KE tistipula li huma spezzjonati l-bastimenti kollha li jikkwalifikaw li jżuru l-portijiet tal-UE, dan jitbiegħed mir-reqwiżit preċedenti (skont id-Direttiva 95/21/KE kif emendata) li kien jesiġi li l-awtoritajiet nazzjonali tal-PSC jispezzjonaw 25 % tal-vapuri individwali li jżuru l-portijiet tagħhom. Taħt l-NIR, l-immirar isir permezz ta' skema elaborata tal-Profilu tar-Riskju ta' Vapuri individwali (Ship Risk Profiles - SRPs). Kull vapur huwa deżinjat bħala ta' "riskju għoli", "riskju baxx" jew "riskju standard".

Il-frekwenza tal-ispezzjoni tiddependi fuq l-SRP:

- għandhom jitwettqu spezzjonijiet perjodiċi fuq vapuri ta' "riskju għoli" kull 5-6 xhur,
- għandhom jitwettqu spezzjonijiet perjodiċi fuq vapuri ta' "standard riskju" kull 10-12 xhur/-il xahar u
- għandhom jitwettqu spezzjonijiet perjodiċi fuq vapuri ta' "riskju baxx" kull 24-36 xahar.

² L-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2009/16/KE jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni dwar iż-żjarat fil-port tiġi trasferita fi żmien raġonevoli lil-bażi tad-dejta THETIS permezz tas-sistema Komunitarja għall-iskambju ta' taġrif marittimu "SafeSeaNet" msemmija fl-Artikolu 3(s) tad-Direttiva 2002/59/KE sabiex tippermetti l-awtorità tal-PSC li taġhzel il-vapuri għal spezzjoni.

Meta vapur partikolari isir eliġibbli għal spezzjoni (pereżempju fil-każ ta' vapuri ta' riskju standard, 10 xhur wara l-aħħar spezzjoni) skont il-frekwenzi stabbiliti hawn fuq, il-vapur jiġi deżinjat bi status ta' Prijorità II u jista' jiġi spezzjonat. Meta l-limitu ta' żmien ibbażat fuq l-SRP jiskadi (fil-każ ta' vapuri ta' "riskju standard", 12-il xhur wara l-aħħar spezzjoni), dan isir vapur ta' Prijorità I u għandu jiġi spezzjonat.

L-SRP huwa stabbilit billi jitqiesu 7 kriterji, dawn huma (i) it-tip ta' vapur, (ii) l-età tal-vapur, (iii) il-bandiera (Lista Sewda, Griża jew Bajda kif iddefiniti fil-PMoU) (iv) l-organizzazzjoni rikonoxxuta, (v) il-prestazzjoni tal-kumpanija, (vi) l-għadd ta' nuqqasijiet irreġistrati waqt kull spezzjoni li tinvolvi l-vapur fis-36 xhur preċedenti u (vii) l-għadd ta' detenzjonijiet fis-36 xhur preċedenti.

Ikunu jistgħu jitwettqu tliet tipi ta' spezzjoni, "inizjali", "aktar dettaljata" jew "estiża". Bħala regola, vapuri b'riskju għoli jgħaddu minn spezzjoni estiża filwaqt li vapuri ta' riskju standard u riskju baxx jgħaddu minn spezzjoni inizjali jew aktar dettaljata.

3.2. Prestazzjoni tal-Istat tal-Bandiera

Wieħed mill-kriterji li jiddetermina l-SRP ta' bastiment huwa l-prestazzjoni tal-Istat tal-Bandiera. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 801/2010³ tat-13 ta' Settembru 2010 jimplementa l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2009/16/KE fir-rigward tal-kriterji tal-Istat tal-bandiera. Taħt din is-sistema, l-Istati tal-bandiera jiġu kklassifikati f'listi suwed, griżi jew bojod, abbażi tal-ispezzjonijiet u detenzjonijiet totali ta' vapuri li jtajru l-bandiera tagħhom u li joperaw fir-reġjun tal-PMoU fuq perjodu ta' tliet snin. Il-klassifikazzjoni hija aġġornata kull sena.

3.3. Prestazzjoni tal-Kumpanija

Il-parametru tal-prestazzjoni tal-kumpanija (li ma ġietx ikkunsidrata taħt ir-reġim ta' spezzjoni preċedenti) huwa bbażat fuq l-għadd ta' spezzjonijiet, detenzjonijiet u nuqqasijiet irreġistrati kontra vapuri li jappartjenu lill-istess kumpanija [responsabbli għall-Ġestjoni Internazzjonali tas-Sikurezza (International Safety Management - ISM) tal-vapur]. Il-kumpaniji jistgħu jiġu kklassifikati bħala: "Għolja", "Medja", "Baxxa" u "Baxxa ħafna". Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 802/2010⁴ tat-13 ta' Settembru 2010 ġie adottat sabiex jistabbilixxi l-kriterji li bihom hija stabblita l-prestazzjoni tal-kumpanija. L-effettività operazzjonali ta' dan ir-Regolament fil-preżent qiegħda tiġi vvalutata.

3.4. Informazzjoni dwar il-ħinijiet attwali tal-wasla u tat-tluq ta' vapuri li jżuru l-portijiet u l-ankraġġi tagħhom

Id-Direttiva tipprovdi li l-bażi tad-dejta THETIS tirċievi informazzjoni dwar iż-żjarat ta' vapuri mis-sistema SafeSeaNet li tippermetti l-ippjanar u l-ipprogrammar ta' spezzjonijiet tal-PSC. Din il-karatteristika ma ġietx ipprovduta mill-bażi tad-dejta preċedenti tal-ispezzjonijiet (SIRENAC). SafeSeaNet ġiet stabbilita⁵ bħala pjattaforma Ewropea ċentralizzata għal skambju ta' dejta marittima li permezz tagħha l-Istati Membri tal-UE, in-Norveġja u l-Islanda, ikunu jistgħu jipprovdu u jirċievu l-informazzjoni dwar il-vapuri, iċ-ċaqliq tal-vapuri, u l-merkanziji perikolużi.

³ ĠU L 241, 14.09.2010, p. 1

⁴ ĠU L 241, 14.09.2010, p. 4

⁵ Permezz tad-Direttiva 2002/59/KE tas-27.06.2002, kif emendata

L-importanza ta' din il-karatteristika għar-reġim ġdid tal-PSC hija kritika peress li l-ippjanar għall-impenn ta' spezzjoni tagħhom u l-konformità miegħu mill-Istati Membri huma bbażati fuq għarfien immedjat u komplet tal-informazzjoni tal-SRP ta' vapuri li jżuru l-portijiet tagħhom.

3.5. Spezzjonijiet fuq ankraġġi

Element ieħor ġdid introdott permezz tad-Direttiva 2009/16/KE huwa li l-vapuri jistgħu jiġu spezzjonati f'ankraġġ fejn isseħħ "interfaċċja vapur/port". Dan jesiġi arranġamenti u riżorsi addizzjonali għall-ispezzjoni.

3.6. Ċaħda ta' aċċess

Skont id-Direttiva 2009/16/KE ir-regola taċ-ċaħda ta' aċċess (projbizzjoni) għal detenzjonijiet multipli ġiet imwessa' biex tinkludi l-Istati tal-bandiera fil-lista griża u t-tipi ta' vapuri kollha. L-NIR jipprovdi li jekk vapur "fil-lista s-sewda" li jtajjar bandiera ikun ġie miżmum għal aktar minn darbtejn fis-36 xahar preċedenti, dan se jkun ipprojbit. Fil-każ ta' vapur "fil-lista l-griża" li jtajjar bandiera, jekk ikollu aktar minn żewġ detenzjonijiet fl-24 xahar preċedenti dan se jwassal biex ikun ipprojbit ukoll. Taħt l-arranġamenti ġodda tal-PSC, huma introdotti termini minimi ta' projbizzjoni: 3 xhur għall-ewwel projbizzjoni, 12-il xahar għat-tieni projbizzjoni u 24 xhur għat-tielet projbizzjoni. It-tielet projbizzjoni tista' titneħħa biss jekk ikun hemm konformità ma' ċerti kondizzjonijiet u l-ispezzjoni mill-ġdid titwettaq waqt il-perjodu ta' projbizzjoni ta' 24 xahar. Kwalunkwe detenzjoni wara t-tielet projbizzjoni twassal biex il-vapur ikun ipprojbit b'mod permanenti minn kwalunkwe port fi ħdan l-UE.

4. IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA

4.1. Implimentazzjoni legali - Traspożizzjoni fil-leġislazzjoni nazzjonali

Id-Direttiva 2009/16 daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Ġunju 2009; L-Istati Membri kellhom jittrasponu d-Direttiva fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom sal-1 ta' Jannar 2011.

Stati Membri mhux kostali ma kinux obbligati li jittrasponu d-Direttiva. Is-Slovakkja biss implimentat id-Direttiva⁶, erba' Stati Membri (l-Ungerija, il-Lussemburgu, l-Awstrija u r-Repubblika Ċeka) ddikjaraw formalment li ma kinux se jittrasponuha.

Fost it-23 Stat Membru, madwar nofshom biss innotifikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni kollha tagħhom, bejn wiehied u ieħor, fil-ħin – jiġifieri fi żmien 3 xhur mid-data tal-iskadenza tat-traspożizzjoni. Ir-riżultat kien li l-NIR ma setgħax jipproduċi l-effetti sħaħ tiegħu mill-1 ta' Jannar 2011. Il-Kummissjoni fetħet proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri kollha li ma kinux ikkonformaw mal-iskadenza tat-traspożizzjoni u issa kważi nkisbet it-traspożizzjoni sħiħa.

Is-servizzi tal-Kummissjoni bħalissa qed janalizzaw il-miżuri nnotifikati għall-konformità mal-liġi tal-UE. Barra minn hekk, l-EMSA bdiet twettaq aktar żjarat fl-Istati Membri biex tivverifika l-implimentazzjoni (madwar 5 żjarat fis-sena).

⁶ Għalkemm is-Slovakkja ttrasponiet id-Direttiva, billi ma għandhiex portijiet marittimi ma hemm l-ebda informazzjoni dwar l-implimentazzjoni. Dan ir-rapport għalhekk jirreferi għall-implimentazzjoni mit-22 Stat Membru kostali tal-UE u/jew (fejn xieraq) għas-27 Stat tal-PMoU.

4.2. Miżuri ta' traspożizzjoni, leġislazzjoni tal-UE

Minbarra r-Regolamenti tal-Kummissjoni⁷ adottati fir-rigward tal-prestazzjoni tal-Istat tal-bandiera u l-kriterji tal-prestazzjoni tal-kumpaniji tal-Profil tar-Riskju ta' Vapur, ġie adottat wkoll ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 428/2010⁸ tal-20 ta' Mejju 2010 li jimplementa l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/16/KE dwar l-elementi li għandhom jiġu vverifikati waqt spezzjoni estiża.

4.3. Implimentazzjoni operazzjonali

L-NIR għandu l-għan li jelimina t-tbajh substandard billi tiżdied il-frekwenza tal-ispezzjoni ta' vapuri substandard, filwaqt li jnaqqas il-frekwenza tal-ispezzjoni ta' vapuri ta' kwalità. Dan jesiġi sistema ta' appoġġ informattiv (THETIS) li mhux biss tiġbor u xxerred dejta relatata nal-PSC iżda tinkludi wkoll il-kapaċità li tikkalkula l-kriterji meħtieġa biex jiġgwidaw l-immirar tal-PSC fl-Istati Membri minn tali dejta. Is-sistema SafeSeaNet tipprovdi lil THETIS bl-informazzjoni kollha tal-wasla u tat-tluq tal-vapuri fil-portijiet tal-UE u l-ankraġġi.

4.4. Implimentazzjoni teknika

Qabel l-1 ta' Jannar 2011, l-EMSA organizzat kampanja ta' sensibilizzazzjoni biex tiżdied il-familjarità mal-obbligi l-ġodda tar-rapportar fi ħdan l-Istati Membri u fl-industrija.

Interfaċċja teknika bejn iż-żewġ sistemi (THETIS u SafeSeaNet), li ppermettiet r-reġistrazzjoni ta' informazzjoni dwar iż-żjarat tal-vapuri f'THETIS, kienet fis-seħħ sa Novembru 2010. THETIS kienet operazzjonali bis-sħiħ fil-15 ta' Diċembru 2010. Qabel din id-data, l-EMSA pprovdiet taħriġ għall-utenti THETIS.

Wara l-bidu tal-operazzjonijiet THETIS (l-1 ta' Jannar 2011), ġie stabbilit helpdesk u minn dakinhar dan qiegħed jipprovdi appoġġ u assistenza teknika għall-utenti THETIS. Fl-2011, waslu total ta' 2331 talba b'ħin medju biex tiġi indirizzata talba ta' 1.3 sigħat.

Waqt l-ewwel trimestru tal-2011, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri lestew l-implimentazzjoni nazzjonali tagħhom tas-sistemi ta' żjarat fil-portijiet. Sabiex tivvaluta l-kompletezza tal-informazzjoni dwar iż-żjarat tal-vapuri irreġistrata f'THETIS fl-2011, l-EMSA wettqet eżerċizzju ta' tqabbil taż-żjarat tal-vapuri fejn ġew imqabbla l-għadd ta' żjarat irreġistrati f'THETIS, fis-SafeSeaNet u fil-Lloyd's List Intelligence (fornitur ta' servizz kummerċjali). Ġew innutati s-sejbiet li ġejjin:

- Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri lestew l-implimentazzjoni nazzjonali tagħhom tal-interfaċċja THETIS - SafeSeaNet waqt l-ewwel trimestru tal-2011. Għalhekk minn April 2011 'il quddiem, ġiet innutata prestazzjoni aktar konsistenti dwar it-trasferiment ta' informazzjoni lil THETIS mis-SafeSeaNet għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri;
- Il-Finlandja lestiet l-implimentazzjoni nazzjonali tal-interfaċċja THETIS-SafeSeaNet f'nofs Ġunju tal-2011;

⁷ Ir-Regolamenti (UE) 801/2010 u 802/2010

⁸ ĠU L 125 tal-21.05.2010, p.2

- Sa tmiem l-2011, ir-Renju Unit kienu għadu ma lestiex l-implimentazzjoni nazzjonali tiegħu tal-interfaċċja THETIS – SafeSeaNet. Konsegwentement, l-informazzjoni tar-Renju Unit dwar iż-żjarat tal-vapuri li hemm f'THETIS għall-2011 hija limitata biss għal entrati li ddaħħlu manwalment u ma tirriflettix is-sitwazzjoni reali.

5. KWISTJONIJIET PRINĊIPALI FL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA

Dan ir-rapport janalizza u jivvaluta l-kwistjonijiet li ġejjin fiktur dettall.

5.1. L-impenn kumplessiv ta' spezzjoni mill-UE

Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/16/KE, kull Stat Membru għandu jikkonforma mal-impenn annwali ta' spezzjoni billi:

- (a) jispezzjona l-vapuri kollha ta' Prijorità I li jżuru l-portijiet u l-ankraġġi tiegħu, kif ukoll
- (b) iwettaq għadd ta' spezzjonijiet (Prijorità I u Prijorità II) kull sena, li jikkorrispondu mill-inqas għas-sehem tiegħu tal-għadd totali ta' spezzjonijiet li għandhom jitwettqu annwalment fi ħdan l-UE u r-reġjun tal-PMoU.

L-għadd ta' spezzjonijiet li għandhom jitwettqu minn awtoritajiet nazzjonali (is-sehem ġust) jinkiseb skont il-mekkaniżmu interim stabbilit mill-PMoU. Mill-1 ta' Jannar 2014 din l-informazzjoni se tkun kompletament bbażata fuq l-informazzjoni fil-bażi tad-dejta THETIS. It-Tabella 1 fl-Anness tippreżenta s-sehem ta' spezzjoni ta' kull Stat tal-PMoU għall-2011.

Abbażi tal-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-dejta THETIS il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li kumplessivament intlaħaq l-impenn ta' spezzjoni.

5.2. Il-konformità ta' Stat Membru mal-impenn annwali ta' spezzjoni u analiżi tal-implimentazzjoni tal-Artikoli 6, 7 u 8 tad-Direttiva 2009/16/KE

Filwaqt li l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/16/KE jistipula l-impenn ta' spezzjoni, l-Artikoli 6, 7 u 8 jipprovdu għal modalitajiet ta' konformità għall-Istati Membri.

5.2.1 Impenn ta' spezzjoni u spezzjonijiet ta' Prijorità I maqbuża (Artikolu 6)

L-Artikolu 6 tad-Direttiva fih dispożizzjonijiet applikabbli għall-Istati Membri li jonqsu milli jwettqu l-ispezzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 5(2)(a) (l-ispezzjoni tal-vapuri kollha ta' Prijorità I li jżuru l-portijiet u l-ankraġġi tagħhom). Stat Membru f'din is-sitwazzjoni jikkonforma mal-impenn tiegħu sakemm tali spezzjonijiet maqbuża ma jissuperawx:

- (a) 5 % tal-għadd totali ta' spezzjonijiet ta' Vapuri ta' Riskju Għoli (High Risk Ships - HRS) ta' Prijorità I u
- (b) 10 % għal vapuri oħra ta' Prijorità I li jżuru l-portijiet u l-ankraġġi.

Fl-2011, 12-il⁹ Stat Membru (minn 22) tal-UE¹⁰ kienu f'din is-sitwazzjoni. It-Tabella 2 tippreżenta l-impenn u l-għadd ta' spezzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri li għalihom japplika l-Artikolu 6.

Bħala osservazzjoni preliminari l-Kummissjoni tinnota li filwaqt li ntlaħaq l-impenn kumplessiv ta' spezzjoni, jidher li jeżistu għadd ta' problemi ta' implimentazzjoni f'xi Stati Membri li jeħtieġu li jiġu indirizzati. L-għadd ta' spezzjonijiet ta' Prijorità I maqbuża f'xi Stati Membri jagħti lok għal tħassib partikolari.

5.2.2 *L-għadd Totali ta' żjarat ta' Prijorità I jaqbeż is-sehem ta' spezzjoni tal-Istat Membru (Artikolu 7.1)*

L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva jikkonċerna l-hekk imsejħa Stati Membri "mgħobbija żżejjed", fejn l-għadd ta' żjarat ta' Prijorità I jaqbeż is-sehem ta' spezzjoni. Fl-2011, 5¹¹ Stati Membri tal-UE kienu f'din is-sitwazzjoni. F'dan il-każ, fl-Artikolu huwa previst li Stat Membru jitqies bħala konformi mal-impenn tiegħu jekk:

- (a) l-għadd ta' spezzjonijiet ta' Prijorità I imwettqa minn dak l-Istat Membru jikkorrispondi mill-inqas għas-sehem ta' spezzjoni, u;
- (b) l-Istat Membru ma jaqbiżx aktar minn 30 % tal-għadd totali ta' vapuri ta' Prijorità I li jżuru l-portijiet u l-ankraġġi tiegħu.

It-Tabella 3 tippreżenta l-impenn u l-għadd ta' spezzjonijiet imwettqa minn dawn l-Istati Membri "mgħobbija żżejjed". F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tinnota mill-ġdid l-għadd ta' spezzjonijiet ta' Prijorità I maqbuża.

5.2.3 *L-għadd totali ta' żjarat ta' Prijorità I u ta' Prijorità II huwa inqas mis-sehem ta' spezzjoni tal-Istat Membru (Artikolu 7.2)*

L-Artikolu 7(2) jikkonċerna l-hekk imsejħa Stati Membri "mhux mgħobbija biżżejjed", fejn l-għadd totali ta' żjarat ta' Prijorità I u Prijorità II huwa inqas mis-sehem ta' spezzjoni. Fl-2011, 5¹² Stati Membri tal-UE kienu f'din is-sitwazzjoni. F'dan il-każ l-Istat Membru għandu jitqies bħala konformi mal-impenn tiegħu meta:

- (a) jispezzjona l-vapuri kollha ta' Prijorità I, u
- (b) jispezzjona mill-inqas 85 % tal-vapuri ta' Prijorità II.

It-Tabella 4 tippreżenta l-impenn u l-għadd ta' spezzjonijiet imwettqa minn dawn l-Istati Membri "mhux mgħobbija biżżejjed". F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tinnota li dawn l-Istati Membri wettqu l-impenn meħtieġ ta' spezzjonijiet ta' Prijorità I u li kważi kollha wettqu l-għadd meħtieġ ta' spezzjonijiet ta' Prijorità II.

Fir-rigward tal-ispezzjonijiet ta' Prijorità I maqbuża identifikati hawn fuq, il-Kummissjoni/l-EMSA se jaħdmu mal-Istati Membri kkonċernati biex janalizzaw ir-

⁹ Il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, il-Finlandja, il-Ġermanja, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, l-Isvezja u r-Renju Unit.

¹⁰ Japplika wkoll għall-Kroazja, l-Islanda, in-Norveġja u l-Federazzjoni Russa

¹¹ Franza, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja u Spanja

¹² Id-Danimarka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja.

raġunijiet għal dawn il-problemi billi jitqies l-addattament għall-NIR. Kull Stat Membru irid iwettaq l-għadd ta' spezzjonijiet assenjati lilu, inkella jkun mhedded il-prinċipju ta' sehem ġust.

5.2.4 *Posponiment ta' spezzjonijiet u ċirkostanzi eċċezzjonali (Artikolu 8)*

Fl-Artikolu 8(1) huwa previst li l-Istati Membri jitħallew jipposponu t-twertiq ta' spezzjoni ta' Prijorità I jew sal-wasla li jmiss tal-vapur fl-istess Stat Membru (sakemm iż-żjara tkun fi żmien 15-il jum u dak il-vapur ma jżurx kwalunkwe port ieħor fl-UE) jew sa port ieħor tal-UE (sakemm iż-żjara tkun fi żmien 15-il jum, u dak l-Istat fejn jinsab il-port li jmiss ikun aċċetta li jwettaq l-ispezzjoni).

Fl-2011, 190 talba bħal din ġew irreġistrati f'THETIS minn 18-il Stat Membru. 153 (80.5 %) minn fost dawn it-talbiet kienu aċċettati mill-Istati Membri riċeventi u tlestiet l-ispezzjoni.

Barra minn hekk, fl-Artikolu 8(2) huma previsti ċirkostanzi eċċezzjonali fejn spezzjonijiet ta' Prijorità I maqbuża jistgħu jkunu ġġustifikati. Dawn iċ-ċirkostanzi jseħħu meta, fil-fehma tal-awtorita kompetenti, it-twertiq tal-ispezzjoni tista' toħloq riskju għas-sikurezza tal-ispetturi, tal-vapur, tal-ekwipaġġ, tal-port u l-ambjent tal-baħar, u meta ż-żjara tal-vapur issir biss matul il-lejl.

Mill-1614-il spezzjoni ta' Prijorità I maqbuża ġġustifikati rreġistrati f'THETIS fl-2011 mill-Istati Membri tal-PMoU, 121 (7.5 %) kienu attribwiti għar-riskju, 582 (36 %) kienu relatati ma' żjarat tal-vapuri bil-lejl, 799 (49,5 %) kienu attribwiti għal żjarat ta' żmien qasir f'ankraġġ u 112 (7.0 %) minħabba "inkorrettezza teknika". L-"inkorrettezza teknika" ġiet introdotta fil-fażi inizjali tat-tħaddim tat-THETIS għal problemi relatati mal-introduzzjoni gradwali tas-sistema u/jew raġunijiet oħra mhux stabbiliti. Din l-opzjoni ma teztix iżjed.

5.3. **L-għadd u t-tip ta' spezzjonijiet li għandhom jitwettqu**

It-Tabella 5 tipprovdi rappreżentazzjoni grafika tax-xejriet fuq it-tipi ta' spezzjonijiet (Inizjali – Aktar Dettaljata – Estiża) fir-reġjun tal-PMoU tul il-perjodu 2009-2011. L-għadd oġġla ta' spezzjonijiet estiżi jissuġġerixxi li taħt l-NIR jitwettqu kontrolli aktar fil-fond.

5.4. **L-għadd ta' Spetturi tal-PSC f'kull Stat Membru**

L-Artikolu 4 tad-Direttiva jesiġi li l-Istati Membri ikollhom awtoritajiet kompetenti xierqa bl-għadd meħtieġ ta' spetturi kkwalifikati għall-ispezzjoni ta' vapuri. It-Tabella 6 turi l-għadd ta' spetturi tal-PSC f'kull Stat Membru. Iċ-ċifri jvarjaw bejn l-Istati Membri billi mhux kollha huma karigi bl-ekwivalenti ta' waħda full time. Il-Kummissjoni tinnota li, b'mod ġenerali, l-Istati Membri għandhom għadd xieraq ta' spetturi biex iwettqu l-ispezzjonijiet meħtieġa.

5.5. **Ċaħda ta' aċċess**

Matul l-2011, 18-il ordni ta' ċaħda ta' aċċess kienu imposti mill-Istati Membri tal-UE. Minn 18, 16 kienu imposti għal detenzjonijiet multipli, 1 għal nuqqas ta' żjara fit-tarzni indikati għat-tiswija, u 1 minħabba detenzjoni mhux rispettata¹³.

¹³ L-Artikolu 21(4) tad-Direttiva.

5.6. Spezzjonijiet fl-ankraġġi

Fid-Direttiva 2009/16/KE huwa previst li vapur jista' jiġi spezzjonat f'ankraġġ fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-port. It-Tabella 7 fl-Anness tipprovdi informazzjoni rigward l-implimentazzjoni ta' dan ir-rekwiżit fl-2011. Ta' tħassib partikolari f'ċerti Stati huwa l-livell għoli ta' spezzjonijiet ta' Prijorità I maqbuża fl-ankraġġi. Din il-kwistjoni trid tiġi ċċarata mal-Istati Membri.

5.7. Problemi/kwistjonijiet li tqajmu mill-Istati Membri

Bħala parti mill-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-Istati Membri fejn stiednet lill-awtoritajiet nazzjonali biex jindikaw nuqqasijiet jew titjib possibbli fid-Direttiva. Bosti Stati Membri użaw din il-possibbiltà.

Il-punti ewlenin li tqajmu kienu:

- Id-Direttiva tippermetti li spezzjonijiet ta' Prijorità I ikunu posposti f'ċirkostanzi eċċezzjonali; din il-possibbiltà ma teżistix għal spezzjonijiet ta' Prijorità II li mhumiex obligatorji. Madankollu jekk Stat Membru "mhuwiex mgħobbi biżżejjed" fis-sens tal-Artikolu 7(2) tad-Direttiva jkollu (fil-fatt) jittratta spezzjonijiet ta' Prijorità II bħala obligatorji. Bosta Stati Membri qed jitolbu li l-possibbiltà li jiġu posposti l-ispezzjonijiet tkun applikata wkoll għall-ispezzjonijiet "obligatorji" ta' Prijorità II.
- L-Artikolu 8(3)(b) jippermetti li tinqabeż spezzjoni f'ankraġġ jekk iż-żjara tal-vapur hija "qasira wisq". L-Istati Membri talbu li din il-possibbiltà tiġi estiża għall-portijiet.
- L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2002/59/KE jippermetti lill-Istati Membri li jeżentaw servizzi skedati li jsiru bejn portijiet li jinsabu fit-territorju tagħhom mir-rekwiżit li jinnotifikaw l-oġġetti perikolużi jew li jniġġsu li jinġarru abbord, l-Istati Membri ssuġġerew li din l-eżenzjoni tkun estiża għall-PSC.
- L-Istati Membri indikaw li r-rekwiżiti tad-Direttivi 2002/59/KE u 2009/20/KE dwar l-assigurazzjoni tas-sidien tal-vapuri għal pretensjonijiet marittimi ma jkunux inklużi fi ħdan it-THETIS u li dan ikun ikkunsidrat.
- Fis-sitwazzjoni fejn l-istatus prijoritarju tal-bastimenti jinbidel waqt li jkunu fil-port, l-Istati Membri pproponew li THETIS javża lill-Istat ikkonċernat u l-Istat ikollu perjodu ta' konċessjoni sabiex l-ispezzjoni maqbuża ma tingħaddx kontra tiegħu.
- L-Anness III tad-Direttiva jinkludi lista ta' informazzjoni li għandha tkun ipprovduta fin-notifika tal-wasla ta' vapur. L-Istati Membri pproponew li r-rekwiżit (f) "data tal-aħħar spezzjoni estiża fir-reġjun tal-MOU ta' Pariġi" jitħassar billi din l-informazzjoni diġà hija inklużi fit-THETIS.

Il-Kummissjoni bħalissa qed teżamina l-problemi identifikati waqt l-implimentazzjoni kif ukoll kwistjonijiet enfasizzati mill-Istati Membri u jekk l-emendi għad-Direttiva 2009/16/KE humiex meħtieġa. B'mod partikolari, il-Kummissjoni (mal-EMSA) se tara jekk dawn humiex anomaliji statistiċi relatati mal-ewwel sena ta' implimentazzjoni jew huma inerenti għas-sistema u jekk dawn se jkollhom impatt fuq l-istess Stati Membri kull sena.

6. KONKLUŻJONIJIET

6.1. L-eżitu tal-azzjonijiet ta' implimentazzjoni

L-implimentazzjoni tad-Direttiva kienet tesiġi ħidma u riżorsi finanzjarji sostanzjali mill-Istat Membru u fil-livell tal-UE. B'riżultat ta' din il-ħidma, id-Direttiva, fil-biċċa l-kbira, ġiet implimentata kmieni fl-2011. L-impressjoni ġenerali tal-Kummissjoni hija li d-Direttiva qed tiġi sostanzjalment implimentata. Kwalunkwe nuqqasijiet legali, tekniċi u operazzjonali identifikati se jkunu indirizzati mill-Kummissjoni meta jasal il-waqt.

6.2. L-impatt fuq is-sikurezza marittima, fuq l-effiċjenza tat-trasport marittimu u fuq il-prevenzjoni tat-tniġġis

L-NIR jistabbilixxi kopertura sħiħa ta' spezzjoni fuq vapuri li jżuru l-portijiet u l-ankraġġi tal-UE u sistema bbażata aktar fuq ir-riskju tal-immirar tal-vapuri għal spezzjoni filwaqt li informazzjoni fil-ħin reali dwar iż-żjarat tal-vapuri tipprovdi kapaċitajiet imtejba għat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-vapuri li għandhom jiġu spezzjonati.

Kumplessivament, l-impenn ta' spezzjoni għall-Istati Membri tal-UE ġie milħuq. Fl-2011, meta mqabbel mas-snin ta' qabel, l-għadd totali ta' spezzjonijiet li għandhom jitwettqu naqas. Bħala riżultat, saru spezzjonijiet ta' kwalità oġhla, ikkonċentrati fuq vapuri substandard. Dan ifisser li r-riżorsi tal-PSC huma kkonċentrati fuq l-ispezzjonijiet fuq bastimenti ta' kwalità aktar baxxa u li l-ispezzjonijiet imwettqa jkunu aktar fil-fond.

6.3. Żviluppi fil-futur

Kif imsemmi qabel, fid-dawl tal-kwistjonijiet identifikati matul l-implimentazzjoni u kkomunikati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri, il-Kummissjoni bħalissa qed tevalwa jekk humiex meħtieġa tibdiliet għad-Direttiva.

Fis-snin li ġejjin huwa mistenni li r-reġim tal-PSC tal-UE ikun adattat għal rekwiżiti futuri li jistgħu jinqalgħu *inter alia* minn konvenzjonijiet internazzjonali meta dawn jidħlu fis-seħħ u jsiru strumenti rilevanti għall-finijiet tad-Direttiva 2009/16/KE.

Id-dħul fis-seħħ li ġej tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 (MLC 2006) u d-Direttiva 2009/13/KE¹⁴ relatata se jkollhom ikunu appoġġati mit-THETIS. Proposta tal-Kummissjoni biex timmodifika d-Direttiva 2009/16/KE f'dan ir-rigward bħalissa qed tiġi diskussa fil-Parlament Ewropew u l-Kunsill¹⁵.

Barra minn hekk, bid-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni Konvenzjoni dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tas-Saborra tal-IMO (BWM 2004) huwa mistenni li l-infurzar jitwettaq fil-kuntest tad-Direttiva 2009/16/KE u t-THETIS.

¹⁴ ĠU L 124, 20.05.2009, p. 30

¹⁵ COM (2012) 129 tat-23.3.2012.

Anness

It-tabelli msemija fir-rapport*

Billi d-Direttiva tirreferi għar-reġjun tal-PMoU, id-dettalji relatati mal-Istati li mhumiex Membri tal-UE huma inklużi f'din it-tabella kif xieraq.

Tabella 1 – Impenji ta' spezzjoni tal-Istati Membri tal-PMoU

| | Żjarat totali ta' vapuri fit-THETIS għall-2011 | Vapuri Individwali fit-THETIS għall-2011 | Proporzjon 2011 | Impenn għall-2011 skont l-Art 5.2b |
|--------------|---|---|------------------------|---|
| Il-Belġju | 23233 | 5255 | 6.30% | 1168 |
| Il-Bulgarija | 2909 | 1277 | 1.69% | 313 |
| Il-Kanada | 913 | 872 | 3.48% | 645 |
| Il-Kroazja | 1927 | 624 | 1.10% | 203 |
| Ċipru | 2410 | 800 | 1.20% | 223 |
| Id-Danimarka | 8387 | 2053 | 3.18% | 588 |
| L-Estonja | 5096 | 1507 | 1.77% | 328 |
| Il-Finlandja | 12727 | 1170 | 1.75% | 324 |
| Franza | 27654 | 5447 | 7.04% | 1305 |
| Il-Ġermanja | 27503 | 4941 | 6.35% | 1177 |

| | | | | |
|-----------------------|-------|------|--------|-------------|
| Il-Greċja | 20314 | 3295 | 3.18% | 590 |
| L-Islanda | 1935 | 322 | 0.31% | 58 |
| L-Irlanda | 9528 | 1139 | 1.45% | 268 |
| L-Italja | 31810 | 5049 | 6.49% | 1203 |
| Il-Latvja | 7149 | 1965 | 2.32% | 430 |
| Il-Litwanja | 4080 | 1605 | 1.87% | 347 |
| Malta | 2607 | 819 | 1.80% | 333 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 42686 | 7235 | 8.24% | 1527 |
| In-Norveġja | 14391 | 1514 | 3.08% | 570 |
| Il-Polonja | 11034 | 2380 | 2.86% | 531 |
| Il-Portugall | 3683 | 1536 | 3.10% | 574 |
| Ir-Rumanija | 4087 | 1703 | 2.32% | 430 |
| Il-Federazzjoni Russa | 16728 | 3403 | 3.34% | 618 |
| Is-Slovenja | 1417 | 612 | 0.88% | 163 |
| Spanja | 31865 | 6234 | 10.58% | 1960 |

| | | | | |
|---------------|--------|-------|--------|-------------|
| I-Isvezja | 24680 | 2567 | 3.28% | 608 |
| Ir-Renju Unit | 4266 | 2231 | 11.04% | 2046 |
| Total | 345019 | 67555 | 100% | 18530 |

*(Sors it-tabelli kollha EMSA)

Tabella 2 Impenn u spezzjonijiet skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2009/16/KE

| | Impenn għall-2011 | Żjarat ta' PI | Spezzjonijiet ta' PII | Żjarat ta' PII | Spezzjonijiet imwettgata' PII | Spezzjonijiet imwettgata' PI u PII |
|--------------------|-------------------|---------------|-----------------------|----------------|-------------------------------|------------------------------------|
| Il-Belġju | 1168 | 521 | 475 | 1082 | 496 | 971 |
| Il-Bulgarija | 313 | 290 | 273 | 310 | 255 | 528 |
| Ċipru | 223 | 207 | 52 | 232 | 73 | 125 |
| Il-Finlandja | 324 | 94 | 78 | 527 | 238 | 316 |
| Il-Ġermanja | 1177 | 559 | 517 | 964 | 887 | 1404 |
| L-Islanda | 58 | 22 | 19 | 55 | 43 | 62 |
| Malta | 333 | 194 | 185 | 303 | 45 | 230 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 1527 | 1456 | 1026 | 1964 | 557 | 1583 |
| In-Norveġja | 570 | 374 | 234 | 811 | 360 | 594 |
| Il-Portugall | 574 | 263 | 239 | 397 | 206 | 445 |
| Ir-Rumanija | 430 | 374 | 339 | 467 | 437 | 776 |
| Is-Slovenja | 163 | 98 | 97 | 149 | 143 | 240 |
| L-Isvezja | 608 | 166 | 130 | 650 | 226 | 356 |
| Ir-Renju Unit | 2046 | 1634 | 765 | 1773 | 776 | 1541 |
| Total | 9514 | 6252 | 4429 | 9684 | 4742 | 9171 |

Tabella 3 Impenn u spezzjonijiet skont l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2009/16/KE

| | Impenn għall-2011 | Żjarat ta' PI | Spezzjonijiet imwettgata' PI | Żjarat ta' PII | Spezzjonijiet imwettgata' PII | Spezzjonijiet imwettgata' PI+PII |
|-----------|-------------------|---------------|------------------------------|----------------|-------------------------------|----------------------------------|
| Franza | 1305 | 1314 | 492 | 2300 | 733 | 1225 |
| Il-Greċja | 590 | 1469 | 656 | 2836 | 334 | 990 |
| L-Irlanda | 268 | 562 | 81 | 475 | 153 | 234 |
| L-Italja | 1203 | 1464 | 1084 | 3440 | 622 | 1706 |

| | | | | | | |
|---------------|------|------|------|-------|------|------|
| Spanja | 1960 | 2513 | 1216 | 3537 | 511 | 1727 |
| Totali | 5326 | 7322 | 3529 | 12588 | 2353 | 5882 |

Tabella 4 Impenn u spezzjonijiet skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2009/16/KE

| | Impenn għall-2011 | Żjarat ta' PI | Spezzjonijiet imwettqa ta' PI | Żjarat ta' PII | Spezzjonijiet imwettqa ta' PII | Spezzjonijiet imwettqa ta' PI+PII |
|--------------|-------------------|---------------|-------------------------------|----------------|--------------------------------|-----------------------------------|
| Id-Danimarka | 588 | 196 | 173 | 320 | 209 | 382 |
| L-Estonja | 328 | 68 | 65 | 134 | 120 | 185 |
| Il-Latvja | 430 | 71 | 66 | 187 | 180 | 246 |
| Il-Litwanja | 347 | 66 | 62 | 125 | 120 | 182 |
| Il-Polonja | 531 | 156 | 139 | 324 | 293 | 432 |
| Total | 2224 | 557 | 505 | 1090 | 713 | 1427 |

Tabella 5 Xejra ġenerali tal-ispezzjonijiet u t-tibdiliet fit-tipi ta' spezzjonijiet f'reġjun tal-PMoU




Tabella 6 – Għadd ta' spetturi tal-PSC f'kull Stat

| | Għadd ta' spetturi tal-PSC |
|---------------------------|-----------------------------------|
| Il-Belġju | 9 |
| Il-Bulgarija | 14 |
| Ċipru | 11 |
| Id-Danimarka | 27 |
| L-Estonja | 9 |
| Il-Finlandja | 23 |
| Franza | 84 |
| Il-Ġermanja | 40 |
| Il-Greċja | 51 |
| L-Islanda | 2 |
| L-Irlanda | 22 |
| L-Italja | 111 |
| Il-Latvja | 9 |
| Il-Litwanja | 12 |
| Malta | 3 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 29 |
| In-Norveġja | 79 |
| Il-Polonja | 16 |
| Il-Portugall | 11 |
| Ir-Rumanija | 13 |
| Is-Slovenja | 4 |
| Spanja | 96 |
| l-Isvezja | 44 |
| Ir-Renju Unit | 113 |
| Total | 832 |

Tabella 7 - Żjarat u spezzjonijiet fl-ankraġġi

| | Żjarat totali | Żjarat fl-ankraġġi | Spezzjonijiet fl-ankraġġi | Żjarat ta' PI fl-ankraġġi | Spezzjonijiet ta' PI fl-ankraġġi | Detenzjonijiet ta' PI fl-ankraġġi |
|---------------------------|---------------|--------------------|---------------------------|---------------------------|----------------------------------|-----------------------------------|
| Il-Belġju | 18649 | - | | - | - | - |
| Il-Bulgarija | 2633 | 283 | 62 | 18 | 13 | - |
| Ċipru | 2304 | 147 | 3 | 25 | - | |
| Id-Danimarka | 8920 | 1 | 1 | 1 | 1 | - |
| L-Estonja | 3754 | - | | - | - | - |
| Il-Finlandja | 18229 | 17 | 1 | 1 | - | - |
| Franza | 29204 | 148 | 10 | 14 | - | - |
| Il-Ġermanja | 23330 | - | | - | - | - |
| Il-Greċja | 18080 | 2446 | 210 | 294 | 47 | - |
| L-Islanda | 1567 | 3 | | - | - | - |
| L-Irlanda | 7450 | 5 | | - | - | - |
| L-Italja | 73290 | 15541 | 421 | 5682 | 53 | - |
| Il-Latvja | 5318 | - | | - | - | - |
| Il-Litwanja | 3439 | 22 | | - | - | - |
| Malta | 2942 | - | | - | - | - |
| Il-Pajjiżi I-Baxxi | 47686 | 382 | 17 | 26 | 2 | - |
| In-Norveġja | 14201 | 130 | 82 | 12 | 11 | - |
| Il-Polonja | 8570 | 294 | 23 | 3 | 1 | - |
| Il-Portugall | 3189 | 7 | 4 | 3 | 1 | - |
| Ir-Rumanija | 3886 | 829 | 113 | 15 | 4 | - |
| Is-Slovenja | 1248 | 22 | 11 | - | - | - |
| Spanja | 38490 | 1916 | 113 | 363 | 29 | 1 |

| | | | | | | |
|----------------------|-------|-----|----|-----|----|---|
| L-Isvezja | 30168 | 2 | | - | - | - |
| Ir-Renju Unit | 3851 | 245 | 36 | 182 | 13 | - |